

# IR-REPUBBLIKA FRANCIJA

Ministeru għat-Tranżizzjoni Ekoloġika  
u l-Koeżjoni Territorjali

## Ordni tal-15 ta' Marzu 2024

**Li temenda l-Ordni tal-14 ta' Diċembru 2023 li tistabbilixxi l-lista ta' verżjonijiet ta' karozzi elettriċi tal-passiġġieri li kisbu l-punteġġ ambjentali minimu meħtieġ biex ikunu eliġibbli għal ċerti għotjiet għax-xiri jew il-kiri ta' vetturi b'emissjonijiet baxxi**

NOR: TRER2407578A

**Udjienzi rilevanti ix-xerrejja u l-kerrejja tal-vetturi; professjonisti tal-karozzi.**

**Suġġett:** aġġornament tal-lista ta' verżjonijiet tal-karozzi elettriċi tal-passiġġieri li kisbu l-punteġġ ambjentali minimu msemmi fl-Artikolu D. 251-1 tal-Kodiċi tal-Enerġija, stabbilit bl-Ordni tal-14 ta' Diċembru 2023, u għalhekk huma eliġibbli għall-bonus ekoloġiku għal karozzi ġodda tal-passiġġieri skont dan il-kriterju.

**Dħul fis-seħħħ:** din l-Ordni għandha tidħol fis-seħħħ l-għada tal-pubblikkazzjoni tagħha.

**Avviż:** din l-Ordni taġġiora l-lista ta' verżjonijiet tal-karozzi elettriċi tal-passiġġieri li jkunu kisbu l-punteġġ ambjentali minimu msemmi fl-Artikolu D. 251-1 tal-Kodiċi tal-Enerġija, stabbilit bl-Ordni tal-14 ta' Diċembru 2023, wara eżami mill-Aġenzija għall-Ambjent u l-Ġestjoni tal-Enerġija ta' dossier ippreżentat mill-manifattur tagħhom. Din hija waħda mill-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għall-bonus ekoloġiku għal karozzi ġodda tal-passiġġieri, marbuta mal-impatt ambjentali u klimatiku tal-produzzjoni u l-kunsinna tal-vettura. Din il-lista tispjega:

- it-tip, il-varjant u l-verżjoni (TVV) assoċjati mal-verżjoni li tkun kisbet il-punteġġ ambjentali minimu;
- il-marka tal-verżjoni tal-vettura inkwistjoni;
- il-mudell tal-verżjoni tal-vettura inkwistjoni.

**Referenzi:** din l-Ordni, adottata skont l-Artikoli D. 251-1 u D. 251-1-A tal-Kodiċi tal-Enerġija, tista' tiġi kkonsultata fuq is-sit web ta' Légifrance (<http://www.legifrance.gouv.fr>).

**Il-Ministru għat-Tranżizzjoni Ekoloġika u l-Koeżjoni Territorjali u l-Ministru għall-Ekonomija, il-Finanzi u s-Sovranità Industrijali u Diġitali;**

Wara li kkunsidraw id-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-ġhoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandardi u tar-Regolamenti Tekniċi u r-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika;

Wara li kkunsidraw il-Kodiċi tal-Enerġija Franċiż, b'mod partikolari l-Artikoli D. 251-1 sa D. 251-13 tiegħu;

Wara li kkunsidraw l-Ordni tal-14 ta' Diċembru 2023, kif emendata, li tistabbilixxi l-lista ta' verżjonijiet ta' karozzi elettriċi tal-passiġġieri li kisbu l-punteġġ ambientali minimu meħtieġ biex ikunu eliġibbli għal ċerti għotjiet għax-xiri jew il-kiri ta' vetturi b'emissionijiet baxxi;

Wara li kkunsidraw in-notifika Nru 2024/X/FR indirizzata lill-Kummissjoni Ewropea fl-14 ta' Marzu 2024,

**B'dan jordna dan li ġej:**

**Artikolu 1**

L-Artikolu 1 tal-Ordni msemmija hawn fuq tal-14 ta' Diċembru 2023 huwa s-supplimentat bid-dispożizzjonijiet li ġejjin:

“Mis-16 ta’ Marzu 2024:

Għamla	Mudell	Verżjoni tal-Varjant tat-Tip (TVV)
BMW	iX2 eDrive20	U2X51GM0AA50000
BMW	iX2 eDrive20	U2X51GM0AA50800
BMW	iX2 eDrive20	U2X51GM0AA50900
BMW	iX2 eDrive20	U2X51GM0AB50000
BMW	iX2 eDrive20	U2X51GM0AB50800
BMW	iX2 eDrive20	U2X51GM0AB50900
MINI	MINI Countryman	UMX41GA0AA50000
MINI	MINI Countryman	UMX41GA0AA50900
MINI	MINI Countryman	UMX41GA0AB50000
MINI	MINI Countryman	UMX41GA0AB50900
MINI	MINI Countryman	UMX51GA0AA50000
MINI	MINI Countryman	UMX51GA0AA50900
MINI	MINI Countryman	UMX51GA0AB50000
MINI	MINI Countryman	UMX51GA0AB50900
MOKE	EV1	EV1AFLHD
OPEL	COMBO-E LIFE	EMZKUZ-37A0CA
OPEL	COMBO-E LIFE	EMZKUZ-37A0CB
OPEL	COMBO-E LIFE	EMZKUZ-37A0EB
OPEL	MOKKA	UKZKWZ-40V000
PEUGEOT	208	UHZKXZ-KOJ000
PEUGEOT	2008	UKZKWZ-S0V000
PEUGEOT	2008	UKZKWZ-S0C000
PEUGEOT	2008	UKZKWZ-S0H000
PEUGEOT	2008	UKZKWZ-S0J000
PEUGEOT	2008	UKZKWZ-S0L000
CITROEN	e-C3	CBZYAZ-A0D000

”

## **Artikolu 2**

Id-Direttur Ġenerali għall-Intrapriżi u d-Direttur Ġenerali għall-Enerġija u l-Klima għandhom ikunu responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din l-Ordni, li għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Franċiża.